2024/2468

3.10.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 128/2024

tat-12 ta' Ġunju 2024

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2024/2468]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/552 tal-4 ta' April 2022 li tiddetermina li l-boroż tat-titoli nazzjonali tal-Istati Uniti tal-Amerika rreġistrati mas-Securities and Exchange Commission jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu III tad-Direttiva 2014/65/UE u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 31bcazk (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/985) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"31bcazl. **32022 D 0552**: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/552 tal-4 ta' April 2022 li tiddetermina li l-boroż tat-titoli nazzjonali tal-Istati Uniti tal-Amerika rreġistrati mas-Securities and Exchange Commission jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu III tad-Direttiva 2014/65/UE u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi (ĠU L 107, 6.4.2022, p. 85)."

Artikolu 2

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/552 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-13 ta' Ġunju 2024, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 385/2021 tal-10 ta' Diċembru 2021 ([2]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

([1]) ĠU L 107, 6.4.2022, p. 85.
(*) Mhi indikata l-ebda ħtieġa kostituzzjonali.
([2]) ĠU L, 2024/650, 14.3.2024.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN